**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tlieta, 13 ta' Marzu, 2018**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 1190/2010**

**Jonathan Ellul, Angie Farrugia, Clayton Failla,**
**Noella Borg, Daniel Borg, Maria-Elena Galea**

**vs**

**Jesmond u Sandra konjugi Mercieca**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tas-17 ta' Novembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti kollha akkwistaw appartamenti jew penthouse formanti parti mill-korp ta' bini konsistenti f'zewg appartamenti u penthouse fi blokk bl-isem ta' "Meadow View Court" fi Triq it-Tenghud tax-Xaghri, Mosta, konfinanti mal-Lvant mat-Triq imsemmija, min-Nofsinhar ma' beni ta' Rita Bonnici u mit-tramuntana ma' beni ta' l-aventi causa ta' Wenzu Gauci, liema appartamenti nxtraw minghand Jesmond u Sandra konjugi Mercieca.

2. Illi Jonathan Ellul flimkien ma' Angie Farrugia akkwistaw il-penthouse internament numerata tlieta, formanti parti mill-korp ta' bini su citat, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutara Maria Briffa datat 13 ta' Gunju 2008, filwaqt illi Clayton Failla flimkien ma' Noella Borg akkwistaw l-appartament numerat tnejn formanti parti mill-korp ta' bini su citat, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Kristel-Elena Chircop datat 2 ta' Gunju 2008, u Daniel Borg flimkien ma' Maria-Elena Galea akkwistaw l-appartament internament numerat wiehed, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Joanne Spiteri datat 17 ta' Ottubru 2008.

3. Illi r-rikorrenti kollha xtraw il-fondi taghhom minghand Jesmond u Sandra Mercieca fi zmien illi l-partijiet komuni ma kienux ghadhom finalizzati fosthom il-lift. Fil-fatt il-

kuntratt ta' Jonathan Ellul u Angie Farrugia jistabilixxi illi l-partijiet komuni inkluz il-lift kellhom ikunu lesti sal-4 ta' Gunju 2010.

4. Illi r-rikorrenti Clayton Failla u Noella Borg dahlu fi ftehim mall-intimati konjugi Mercieca datat tnejn (2) ta' Gunju 2008 u cioe fl-istess data tal-kuntratt ta' vendita, fejn f'din l-iskrittura, l-intimati obbligaw ruhhom li jlestu l-lift u partijiet ohra fil-komun sat-30 ta' Novembru 2008.

5. Illi minkejja din l-obbligazzjoni li l-intimati jlestu l-partijiet komuni, jirrizulta nuqqas fit-tlestija tal-lift u tat-tarag komuni.

6. Illi l-intimati Mercieca biddlu l-istruttura tat-tarag sabiex ikunu jistghu jinstallaw lift liema tarag huwa differenti minn dak li jidher fil-pjanti approvati mill-MEPA. IIli ghaldaqsant wara li saru l-kuntratti ta' vendita mar-rikorrenti, l-intimati biddlu l-istruttura tat-tarag li mhux mibni skond l-arti u s-sengha.

7. IIli l-lift kif propost mill-intimati ma jasalx saI-art tal-komun u ihalli targa gholja biex tinzel jew titla minn tali lift u dan imur kontra r-regolamenti tas-Sahha u s-Sigurta kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

8. Illi konsegwenza ta' dan, ir-rikorrenti ma jistghux jaghmlu uzu mill-appartamenti/penthouse taghhom stante illi l-lift ghadu mhux komplut u li t-tarag mhux mibni skond l-arti u s-sengha.

9. Illi wahda mill-proposti sabiex jirrimedja n-nuqqasijiet tieghu tal-lift, l-intimati Mercieca ipproponew li jaghmlu targa quddiem l-appartament tar-rikorrenti Maria-Elena Galea u Daniel Borg, liema targa tostakola l-access ghall-fond taghhom. Illi minkejja illi r-rikorrenti Galea u Borg ma ghandhomx uzu tal-lift huma jinsabu pregudikati bis-sitwazzjoni tat-tarag.

10. Illi konsegwentament, l-intimati Mercieca naqsu milli jonoraw dak maqbul minnhom u stabbilit fil-kuntratti ta' vendita fil-konfront tar-rikorrenti li jlestu l-partijiet komuni kif ukoll illi t-tibdil strutturali fit-tarag komuni li sar wara li saru l-kuntratti ta' vendita ma sarx skond l-arti u s-sengha.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:-

1. Tiddikjara illi l-intimati naqsu milli jonoraw l-obbligi taghhom stabbiliti fil-kuntratti ta' vendita u cioe illi jlestu l-partijiet komuni tal-blokk "Meadow View Court" fi Triq it-Tenghud tax-Xaghri, Mosta, inkluz il-lift sa Gunju 2010 minkejja illi gew interpellati diversi drabi.

2. Tlddikjara illi l-lift li kienu bdew jinstallaw l-intimati imur kontra r-regolamenti tas-sahha u s-sigurta u li mhux skond l-arti u s-sengha kif ukoll minghajr l-awtorizzazzjoni necessarja tal-awtoritajiet kompetenti.

3. Tiddikjara illi t-tarag tal-komun kif alterat mill-intimati mhux mibni skond l-arti u s-sengha u li dan ghandu jinbena kif muri fil-pjanti annessi mal-kuntratti ta' vendita.

4. Tordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju u taht id-direzzjoni ta' perit nominandi huma jlestu x-xoghlijiet fil-partijiet komuni u cioe t-tarag u l-lift in konformi mar-regolamenti u ligijiet u mal-awtoritajiet kompetenti.

5. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex fin-nuqqas li l-intimati jaghmlu x-xoghlijiet necessarji fiz-zmien prefiss moghti minn dina l-Onorabbli Qorti, jaghmlu x-xoghlijiet huma stess taht dawk il-provedimenti li l-istess Qorti jidhrilha xieraq u opportuni prevja okkorendo taht id-direzzjoni ta' perit nominandi;

Bl-ispejjez u b'riserva ghal kwalunkwe azzjoni ohra ghal danni rizultanti kontra l-intimati li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok ma gietx rispettata l-procedura ghal fini ta' azzjoni kumulattiva u ghalhekk il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi fil-meritu, l-atturi mhux biss kienu jafu fejn gej il-lift u x'kienu l-konsegwenzi izda sahansitra kienu anke taw il-kunsens taghhom anke wara li bdew iqanqlu l-ilmenti taghhom u dan kif ser ikun pruvat fil-kors tal-kawza.
3. Illi kwantu jirrigwarda t-targa li jilmentaw minnha Maria-Elena Galea u Daniel Borg, ma hux minnu li din qieghda tostakola l-access ghall-appartament u ghalhekk anke dan l-ilment hu infondat.
4. Illi kwantu jirrigwarda l-ilment tat-tarag, dan huwa mibni skond l-arti u s-sengha u jinsab f'pozizzjoni ghal kollox skond kull ftehim li kien jezisti bejn il-partijiet, liema ilment qieghed ikun avvanzat unikament sabiex issir pressjoni fuq il-konvenuti.
5. Illi kif ser jigi pruvat fil-kors tal-kawza, bla pregudizzju ghas-suespost, b'ghemilhom, l-istess atturi irratifikaw kull obbligazzjoni di fronte tal-esponenti.

Salv risposti ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat l-atti, ir-relazzjoni legali u n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat is-sentenza preliminari tal-14 ta’ April 2016 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti. Ghalhekk din is-sentenza ser tiddeciedi l-mertu tal-azzjoni.

**Fatti**

Bhala fatti jirrizulta illi l-atturi huma lkoll sidien ta’ tlett appartamenti fil-blokka ’Meadow View Court’ fil-Mosta akkwistati minghand il-konjugi Mercieca. Din il-blokka hi mibnija fuq l-arja ta’ garage ta’ terzi accessibbli minn tarag dritt li jitla mill-livel tat-triq sal-ewwel sular fejn hemm bokka tat-tarag idur fiha li jaghti ghas-sulari l-ohra.

Fuq in-naha ta' wara tat-tromba, fuq in-naha tax-xellug, hemm il-bokka tal-lift li tibda mill-istess livell tal-ewwel sular. Jirrizulta kif deskritt b'mod car mill-perit tekniku illi:

> It-tarag huwa finished u miksi bir-resin u bil-poggaman tal-aluminjum mentri l-lift beda jigi nstallat u ghadu mhux komplut. Fil-lift hemm il-bibien installati mal-pjan f'kull sular u kif ukoll ir-rail vertikali li mieghu trid taqbad il-kabina tal-lift.

Kif isostni sew il-perit tekniku mil-aspett fattwali:

> Jirrizulta li meta l-partijiet kienu qed jinnegozjaw sabiex tigi trasferita l-propjeta fil-kwistjoni, il-lift kellu originarjament jigi fin-nofs tat-tarag (kif kien fil-pjanta tal-permess originali (fol. 60) u f'dak iz-zmien il-bokka tal-lift kienet ghadha qed tigi ffurmata fejn it-tarag ghall-'penthouse' kien wiesgha madwar 60 centimetri u t-tarag ta' isfel kien ghadu ma ntmissx (xhieda ta' Perit David Micallef fol. 221). Meta saru l-Kuntratti, il-komun kien ghadu kemm beda x-xoghol fuqu (affidavit tal-attrici Angie Farrugia fol. 72, affidavit tal-attur Jonathan Ellul fol. 76, affidavit tal-attur Clayton Failla fol. 82, affidavit tal-attrici Noella Borg fol. 84, affidavit ta' Mario Ellul fol. 87).
>
> Jirrizulta li l-Atturi Ellul-Farrugia (is-sidien tal-appartament numru 3 li l-aktar kellhom uzu tal-lift billi dan l-appartament jinsab fl-ghola livell) ressqu proposta lill-Konvenut u lill-Atturi l-ohra sabiex il-lift isir mal-genb u jiddahhlu turgien bir-ragg billi bil-lift fin-nofs it-tarag kien gej dejjaq hafna (anqas minn 60 centimetri) (affidavit tal-attrici Angie Farrugia fol. 72, xhieda tal-attrici Angie Farrugia fol. 199/322, affidavit tal-attur Jonathan Ellul fol. 76, affidavit tal-attur Clayton Failla fol. 82, affidavit tal-attrici Noella Borg fol. 84, affidavit ta' Mario Ellul fol. 87, xiehda ta' Mario Ellul fol. 326, xhieda ta' Perit David Micallef fol. 220/224).
>
> Ghalkemm mhux kontestat li kulhadd qabel ma' din il-proposta tal-Atturi Ellul-Farrugia (fol. 60), fejn kienet anke saret emenda mal-Awtorita l-Ippjanar mill-Konvenut approvata fid-29/05/2008 (fol. 287) (qabel Rik. Nru 1190/2010 saru l-Kuntratti kollha fil-kwistjoni) a bazi tal-istess proposta (l-Attrici Noella Borg xehdet li l-pjanta bl-emendi kienet ratha qabel il-kuntratt finali (xhieda tal-attrici Noella Borg fol. 314) ghalkemm l-Attrici Angie Ellul xehdet li ma tiftakarx li l-Konvenut kien ghamel xi emendi fil-pjanti (xhieda tal-attrici Angie Farrugia fol. 321).
>
> Jirrizulta wkoll illi fit-28/06/2008 iddahhlet applikazzjoni gdida b'emendi fl-istess tromba tat-tarag mill-Attrici Noella Borg (fol. 295) li tindika xaft tal-lift imwessa' minn 1.40x1.20 metri ghal 1.55x1.35 (fejn minflok hajt saru 'partitions' ghax-xaft tal-lift) u kif ukoll passagg idjaq quddiem il-bieb tal-appartament numru 1 (minn metru ghal 0.75 metri) u ddahhlu wkoll tlett targiet quddiem il-lift f'kull sular u tlett targiet ohra hdejn il-lift fl-ewwel u fit-tieni sular.
>
> L-Atturi Ellul-Farrugia jissottomettu li kif sar il-hajt tad-disa' pulzieri mal-genb tal-lift indunaw li l-lift ma kienx gej kif kien miftiehem peress li x-xaft tal-lift kiber u ma thalliex spazju bizzejjed ghat-tarag (affidavit tal-attrici Angie

Farrugia fol. 72, affidavit tal-attur Jonathan Ellul fol. 76, affidavit ta' Mario Ellul fol. 87/88).

Jirrizulta li l-Atturi hadu c-cavetta tal-fond minghand il-Konvenut u ma hallewhx jidhol fil-post (affidavit tal-attrici Angie Farrugia fol. 73, affidavit tal-attur Jonathan Ellul fol. 77, affidavit tal-attur Clayton Failla fol. 83, xhieda tal-attur Clayton Failla fol. 312, affidavit tal-Attrici Noella Borg fol. 85), u kif ukoll li l-Atturi Ellul-Farrugia pruvaw jirrangaw it-tarag ta' fuq huma (affidavit tal-attrici Angie Farrugia fol. 73, affidavit tal-Attur Jonathan Ellul fol. 77).

Fil-prezent il-lift mhux kompletament installat wara li l-installaturi Groffe Elevators Services Limited twaqqfu mill-Konvenut minhabba d-disgwid li nqala' mal-Atturi (xhieda ta' Stefano Cremona fol. 246). Madankollu l-appartamenti huma kollha fizikament accessibli mit-tarag.

L-Atturi Ellul-Farrugia jilmentaw li t-tarag kien gej skuntrat u li biex tidhol fil-lift trid titla targa gholja 30 centimetri (affidavit tal-attrici Angie Farrugia fol. 73, affidavit tal-attur Jonathan Ellul fol. 77, affidavit ta' Mario Ellul fol. 88, xhieda ta' Maggur John Schembri fol. 227). Il-Perit tal-Atturi Ellul-Farrugia jghid li l-qiegh tal-kabina kienet ser tigi 30 centimetri fuq l-art tal-ewwel sular u konsegwentament kienu ser jigu ffurmati zewg targiet zghar quddiem il-bieb tal-appartament numru 1 u li t-tarag sar b'targiet eccessivament gholjin (xhieda ta' Perit David Micallef fol. 225). Min-naha taghhom l-Atturi Failla-Borg jilmentaw ukoll mit-targa gholja 30 centimetri u li t-tarag perikoluz (affidavit tal-attur Clayton Failla fol. 83,xhieda tal-attur Clayton Failla fol. 312, affidavit tal-Attrici Noella Borg fol. 85), filwaqt li l-Atturi Borg-Galea jilmentaw mit-targa quddiem il-bieb taghhom (affidavit tal-attrici Maria Elena Galea fol. 90, xhieda tal-attrici Maria Elena Galea fol. 323, affidavit tal-attur Clayton Failla fol. 83, xhieda tal-attur Clayton Failla fol. 312).

L-ilmenti li qed iressqu l-atturi Ellul-Farrugia u Failla-Borg huma li quddiem il-lift fl-ewwel sular hemm targa gholja 30 centimetri; u t-tarag wieqaf u perikoluz.

L-atturi Borg-Galea qed jilmentaw li l-access quddiem il-bieb tal-appartament taghhom ser jigi ostakolat b'tarag quddiem il-bieb tal-lift li huwa wkoll ta' periklu.

**Kosiderazzjonijet legali**

Il-Qorti tqis illi t-talbiet tal-atturi kienu mibnija dwar inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenuti fis-sens li x-xoghlijiet li kellhom ilestu l-konvenuti fil-komun u fil-lift ma tlestewx fiz-zmien miftiehem u fuq kollox saru hazin u mhux skond is-sengha u l-arti.

L-atturi fil-premessi u talbiet jidher li qeghdin jilmentaw li l-konvenuti ma itterminawx l-appalt formanti parti integrali mill-obbligazzjoni kontrattwali ta' bejgh sat-30 ta'

Novembru 2008 fil-konfront tal-attur Failla Borg u fil-konfront tal-attur Ellul Farrugia sa Gunju 2010 kif kien miftiehem u in oltre x-xoghlijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti kif jirrizulta mill-allegazzjonijiet imsemmija aktar lura f'din is-sentenza. L-atturi qed jitolbu l-ezekuzzjoni tal-obbligazzjonijet tal-konvenuti skond ki miftiehem skond is-sengha u l-arti.

Hu pacifiku li x-xoghlijiet ta' alterazzjoni fuq il-post fejn kellu jigi istallat il-lift u l-paritjiet komuni tal-blokka kienu a karigu tal-konvenut Jesmond Mercieca. Dan jirrizulta mix-xiehda tal-partijiet. F'kull kaz l-istess konvenuti qatt ma cahdu dan fl-eccezzjonijiet taghhom. Dan qed jinghad b'referenza partikolari ghal vertenza in kwistjoni cioe t-tarag tal-komun u l-bokka tal-lift.

La darba l-konvenuti assumew l-obbligi ta' appallaturi allura l-opra li gew kummissjonati li jwettqu kellha issir fil-grad ta' missier tajjeb tal-familja fis-sens li hu mistenni mill-appallaturi li jwettaq ix-xoghol b'diligenza ta' wiehed mistharreg fil-qasam tax-xoghol u fin-nuqqas jinzamm responsabbli ghad-dannu li jirrizulta mill-esekuzzjoni hazina. (Ara **Raymond Borg et vs Hal Mann** Limited, App 20/10/2003 u **Mario Blackman vs Carmelo Farrugia** et, App Kum 27/03/1972). Dan hu hekk anki jekk ikun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (ara **Brownrigg noe vs Mario Spiteri** PA 27/06/2003) jew l-appallatur jkun mexa mal-istruzzjonijiet moghtija (ara **Sancio** Di **Carlo pro et noe vs Emanuel Cumbro** et, App Kum 06/02/1956 Vol XL.I.485).

Jidher li f'dan il-kaz skond kif irrizultaw mill-atti illi fil-fazi meta gew pubblikati l-kuntratti, il-partijiet komuni ma kienux ghadhom lesti. Dan hu implicitu mill-iskrittura tal-2 ta' Gunju 2008 bejn Failla Borg u l-konvenuti (a fol. 57 tal-process), kif ukoll mill-klawsoli tal-kuntratt ta' bejgh bejn Ellul Farrugia u l-konvenuti. Fir-rigward tal-kuntratt Borg Galea mal-konvenut l-istess konvenut jistqarr li t-tromba tat-tarag ma kinitx ghadha lesta (fol. 256 tal-process).

Il-vertenza principali kif johrog minn qari tal-verbal tas-17 ta' Mejju 2012 tirrigwarda l-partijiet komuni mill-ewwel sular sa quddiem il-penthouse u senjatament dawk il-partijiet gia msemmija bhala l-ilmenti tal-atturi fil-parti dwar il-fatti.

Jinghad li ghalkemm tissemma pjanta mal-kuntratt fejn hemm indikati l-pozizzjoni originali tal-lift, ma irrizultat ebda pjana ma' ebda kuntratt, ghalkemm il-partijiet jaqblu li sar ftehim li l-pozizzjoni tal-lift kellu jitbiddel u dan jidher li tali ftehim hu rifless fil-pjanta a fol. 60 tal-process.

Ir-rapport tal-perit tekniku jasal ghal konkluzzjoni ta' natura teknika illi l-konvenuti naqsu li jonoraw l-obbligi taghhom fis-sens taz-zmien tat-tlestija tal-parti komuni u n-natura tax-xoghlijiet li saru. In kwantu ghat-tarag il-perit tekniku fir-rapport tieghu fil-paragrafi 7.1 sa 7.6 (fol. 473 sa 476) jelenka d-diversi nuqqasijiet fl-alterazzjonijiet li saru. Hu tal-opinjoni illi t-tarag tal-komun ma ghandux jitnehha u jsir mill-gdid kif jippretendu l-atturi ghax din qatt ma kienet l-intenzjoni tal-partijiet. L-intenzjoni tal-partijiet kienet dejjem li jsiru alterazzjonijiet fit-tromba tat-tarag biex jigi akkomodat il-lift u mhux li dan jitnehha u jsir mill-gdid. Il-perit tekniku ghalhekk isottometta l-alterazzjonijiet li ghandhom isiru fit-tarag tal-ewwel u t-tieni sular mentri ma hemmx lok ghal ebda alterazzjoni fit-tarag li jitla' mill-penthouse ghal bejt. B'dan il-mod it-tarag ikun iktar sikur dejjem fil-modalita ta' kif mibni. Il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi tal-kaz tenut kont illi l-alterazzjonijiet fil-principju kienu maqbula bejn il-partijiet u li kif qal il-perit tekniku li t-tromba ezistenti hi ristretta, il-konvenuti ma ghandhomx ibatu oltre dak ragonevolment mistenni biex l-opra tkun qed taqdi l-funzjoni taghha. Il-perit tekniku ghamel rakkomandazzjonijiet li qies li jservu biex jimmitigaw in-nuqqasijiet fit-tarag wara li trangat il-pjanta biex il-bokka tal-lift tkun a sodisfazzjon tal-atturi.

In kwantu ghal lift jidher li l-partijiet qablu li l-lift isir fejn fil-fatt sar. Il-kwistjoni li nsorgiet kienet iz-zieda ta' targa quddiem l-apertura tal-lift biex tidhol u tohrog minnu fl-ewwel pjan. Din it-targa kienet ser tigi ezatt quddiem il-bieb tal-appartament f'tali pjan cioe dik ta' Borg Galea u ghalhekk hi ta' inkonvenjent serju. Ma' dan jaqbel il-perit tekniku u ghamel suggerimenti ta' dak li ghandu jsir biex is-sitwazzjoni tigi rattifikata, tenut kont tan-natura tal-lift u l-fatt li taht il-bokka hemm bini ta' terzi.

Kif gia intqal xejn ma jiswa ghal konvenuti li jsostnu li l-atturi jew whud minnhom qablu mal-alterazzjonijiet ghalkemm dan hu kontestat, jew li l-atturi setghu jaraw ix-xoghlijiet ghaddejjin, ghaliex jibqa' l-obbligu fuq l-appalltatur li jezegwixxi x-xoghol

skond is-sengha u l-arti u jrid jirrispondi fin-nuqqas. Il-perit tekniku, kif inghad sab li x-xoghlijiet ma jissodisfawx il-livell mistenni u hemm lok u anki l-possibilta ta' rattifika.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma illi l-atturi ippruvaw it-talbiet taghhom u l-konvenuti ghandhom jrrangaw in-nuqqasijiet kemm qua difetti jew opra mhux accettabbli ghax mhix tajba ghall-uzu intiz. Il-Qorti tqis illi l-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku dwar dan l-aspett tal-vertenza ghandu jigi adottat kemm ghax ma hemmx lok li din il-Qorti tiddipartixxi mill-konkluzjoni teknika tal-istess perit u kemm ghaliex il-partijiet ma resqux prova li tikkonvinci din il-Qorti li ghandu jkun hemm konkluzzjoni jew rimedju differenti.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u ghal fini tar-raba' u l-hames talbiet tordna lil konvenuti jaghmlu x-xoghlijiet elenkati mill-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu paragrafi 8.2 u 8.3 (a fol. 476 u 477 tal-process) konsistenti:

i. bieb tal-lift bil-kontra sabiex jiftah lejn il-lemin (cioe b'fissa hdejn il-bieb tal-appartament numru 1) minflok lejn ix-xellug;

ii. kostruzzjoni ta' targa quddiem il-bieb tal-lift fl-ewwel sular;

iii. 'railing' fuq iz-zewg nahat tal-istess targa;

iv. 'anti-slip adhesive tape' wiesgha tal-inqas tlett centimetri fit-tarf tal-istess targa;

v. ic-certifikazzjoni tal-Awtorita kompetenti tinhareġ wara li l-lift jigi nstallat, ghalkemm l-installatur ghandu jiddiskuti l-proposta tieghu minn qabel mal-Awtorita;

vi. it-tarag tal-komun kif alterat mill-konvenuti fil-livell tal-ewwel sular ghandhom jizdiedulu r-'railings' fejn hemm l-ewwel targiet u kif ukoll mat-tarag li jitla minn isfel, filwaqt li dak fit-tieni sular mhux mibni skont l-arti u s-sengha u r-rimedju huwa li jinqasam il-pjan, tiddahhal targa ohra u jsiru 'railings' addizzjonali flimkien ma' 'anti-slip adhesive tape' wiesgha tal-inqas tlett centimetri fit-truf tal-ewwel targiet.

Dawn ix-xoghlijiet ghandhom isiru fi zmien disa' xhur millum taht is-sorveljanza tal-Perit Elena Borg Costanzi mqabbda mill-Qorti ghal dan l-iskop billi l-perit tekniku Alan Saliba ma ghadux jipprattika fil-Qorti ta' Malta bhala espert tekniku, u fin-

nuqqas li x-xoghol isir fit-terminu, tawtorizza lil atturi jaghmlu dawn ix-xoghlijiet huma taht is-sorveljanza tal-Perit Elena Borg Costanzi, spejjez ghall-konvenuti. L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti. Il-Qorti taghmel riserva biss li l-modalita ta' xoghlijiet jistghu jigu aggustati f'kaz ta' xi intopp insormontabbli mill-awtoritajiet kompetenti dwar xi permess li jista' jkun mehtieg, u dan b'talba lil din il-Qorti jekk ikun il-kaz.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur